MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KEVIN DR. MOMPALAO**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2012

Talba Numru. 18/2011

**Salvu u Flavia konjugi Cassar**

**Vs**

**Carmel Spiteri**

## It-Tribunal:-

Ra l-avviz tat-talba prezentat fis-sitta (6) ta’ Ottubru tas-sena elfejn u hdax (2011) li permezz tighu l-atturi talbu illi l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta’ elfejn ewro (€2000) rapprezentanti bilanc ta’ flus fuq magna tat-tip Caterpillar mixtrija minn Carmel Spiteri versu l-prezz komplessiv ta’ erbat elef ewro (€4000) mil-liema prezz thallset is-somma ta’ elfejn ewro (€2000). Dan bl-ispejjez kollha nkluzi dawk ta’ l-ittra interpellatorja tal-hamsa u ghoxrin (25) ta’ Jannar ta’ l-elfejn u hdax (2011) u dik

ufficjali ta' l-Artikolu 166A esebita ma' l-istess avviz u bl-imghax legali.

Ra r-risposta ta' l-attur li permezz taghha ecepixxa illi t-talbiet ta' l-atturi huma infondati fid-dritt u fil-fatt ghaliex:- (1) l-intimat mhux il-legittimu kontradittur stante li l-magna tat-tip Caterpillar ma gietx mixtrija minnu personalment izda mill-kumpanija tal-General Companies Limited (C24528); (2) illi minghajr pregudizzju ghal premess, l-ebda hlas iehor ma' huwa dovut ghaliex il-magna ma kienitx idoneja ghal uzu li ghalih sar il-bejgh (3) illi dejjem minghajr pregudizzju ghal-premess l-oggett mibjugh kellu hafna hsarat u difetti liema hsarat u difetti kellhom jigu rimedjati bl-ispejjez ta' l-intimat. Jghid illi fir-rigward tal-hlas sabiex isiru tali tiswijiet fuq il-magna mibjugha, huwa pprezenta kontro talba.

Ra l-kontro talba tal-konvenut fejn talab illi l-atturi rikonvenzjonati jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' elfejn ewro (€2000) rapprezentanti spejjez inkorsi minnu sabiex jigu rimedjati d-difetti u l-hsarat li kellha l-magna tat-tip Caterpillar mibjugha lill-konvenut bl-ispejjez u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta ta' l-atturi rikonvenzjonati ghal din il-kontro talba fejn intqal illi l-pretensjoni ghal allegati spejjez inkorsi minn Carmel Spiteri hija kompletament infondata fid-dritt u fil-fatt u hija biss spiza li huwa vvinta sabiex jahrab mill-obbligi tieghu.

Ra illi permezz ta' verbal tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnax (2012) l-avukat tal-konvenut iritira l-ewwel eccezzjoni tieghu cioe' illi l-intimat mhux il-legittimu tal-kontraditur.

Ra l-atti kollha u d-dokumenti kollha esebiti.

Sema x-xhieda bil-gurament u ra t-traskrizzjonijiet ta' l-istess xhieda.

Ra' d-digrieti kollha tieghu nkluz dak tas-16 ta' Mejju 2012 li permezz tieghu din il-kawza giet differita ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidra.

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza huma fatti semplici. Il-konvenut xtara minghand l-attur magna tat-tip Caterpillar. Meta gie biex jixtri din il-magna huwa kien akkumpanjat mill-mekkanik tieghu sabiex jara u jipprova l-magna qabel ix-xiri. Il-magna giet pruvata fuq il-post u l-konvenut iddecieda li jixtriha Meta hadha minn Ghawdex ghal Malta u rega' pruvaha, dan jghid li sab illi kellha diversi difetti fosthom li ma kinitx qeghda ttelgha bizzejjed pressa taz-zejt. Dan kien punt ta' kontestazzjoni bejn il-partijiet ghaliex jrrizulta illi fuq il-post qabel ix-xiri l-pressa taz-zejt giet ippruvata pero l-konvenut jghid illi l-apparat illi provdielhom l-attur sabiex tigi pruvata l-pressa taz-zejt kien wiehed difettuz u meta pruvawha b'apparat iehor wara li nxtrat, din il-pressa taz-zejt ma' bdietx titla' kemm suppost. Gie spjegat ukoll illi meta nfethet il-magna li kien fiha diversi difetti ohra u principalment bronzini difettuzi. Dawn id-difetti huma ben spjegati fix-xhieda li ta l-mechanic Ronald Azzoppardi fis-seduta tal-wiehed u ghoxrin (21) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012).

Jirrizulta kemm maqbul, kif ukoll mill-fattura esebita a fol. tmienja u erbghin (48) tal-process illi originarjament il-konvenut hallas elf ewro (€1000) imbaghad f'dati sussegwenti cioe' fis-sittax (16) ta' Gunju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) u fit-tlieta (3) ta' Novembru tas-sena elfejn u ghaxra (2010) saru zewg pagamenti akkont ta' hames mitt ewro (€500) il-wiehed li jhalli bilanc mill-prezz originali mitlub u miftiehem fl-ammont ta' elfejn ewro (€2000).

L-ewwel eccezzjoni tal-konvenut giet minnu irtiarta fil-mori tal-kwza. Bit-tieni eccezzjoni wiehed jifhem illi l-konvenut qed jallega illi l-oggett mibjugh ma kienx tal-kwalita pattwita. It-tielet eccezzjoni hija fis-sens illi l-oggett mibjugh kellu difetti mohbija. Ghalhekk fir-rigward tat-tieni eccezzjoni, din hija wahda kuntrattwali naxxenti mill-Artikolu 1390 tal-Kodici Civili filwaqt illi d-difiza fit-tieni

eccezzjoni twassal ghal l-Actio Rhedbitoria jew l-Azzjoni Aestimatoria.

Meta l-haga mibjugha ma tkunx dik tal-kwalita miftehma, wiehed ma jistax jitkellem dwar vizzju redibitorju imma ta' kaz ta' nuqqas tat-twettiq tal-kuntratt li ma ghandha xejn x'taqsam mal-garanziji tal-vizzji redibitorji. Iz-zewg azzjonijiet ma joqghodux flimkien u dan sewwa sew minhabba l-kawzali inerenti ghal kull wahda minnhom kif ukoll ghar-rimedji partikolari moghtjia lix-xerrej taht kull wahda **(Vitafoam Limited vs Kosmipharma Imports Limited, Prim Awla 26 ta' Gunju 2003).** Huwa stabbilit illi meta haga mibjugha ma tkunx dik ta' kwalita miftehma wiehed ma jistax jitkellem dwar vizzju redibitorju imma ta' kaz ta' nuqqas ta' twettiq tal-kuntratt li ma ghandha x'taqsam xejn mal-garanzija tal-vizzji redibitorji (**Buttigieg vs Hirst noe, Appelli Civili 16/2/1945, Vol. XXII, Prt.1, Pg.163).**

L-azzjoni redibitorja jew estimatorja taghti garanzija lix-xerrej ghal difett mohbi ezistenti fil-mument tal-bejgh fl-oggett mertu tal-bejgh u xiri mentri min-naha l-ohra l-azzjoni hija bazi ta' l-Artikolu 1390 titratta dwar il-fatt illi l-oggett mertu tal-bejgh ma jkunx skond kif miftiehem jew patwit li ovvjament ma jimpuratx u ma jfissirx illi tali oggett ikun fih xi difett.

Ma jistax ikun guridikament korrett li azzjoni wahda tigi bazata kemm fuq difetti mohbija kif ukoll fuq allegazzjoni ta' nuqqas ta' kwalita patwita fil-haga mibjugha u dan stante li l-istess azzjonijiet jitrattaw zewg tipi ta' azzjonijiet ben differenti u distinti minn xulxin u liema azzjonijiet ma humiex konfondibbli **(Prim Awla 28/2/2002, Reuben Briffa et vs Joseph Mallia et)**.

Pero f'dan l-istadju jkun utli jigi osservat illi dawn iz-zewg punti ma gewx proposti b'azzjoni izda qeghdin jinghataw per via di eccezzione. F'dan il-kaz izda, jigi oservat illi filwaqt illi gie ritenut illi ilment ghaliex bejgh ma jkunx tal-kwalita patwita, jista jitqajjem per via d'eccezzione purque isir fiz-zmien illi fih setghet tigi ezercitata l-azzjoni, l-istess rimedju per via di eccezzione ma huwiex disponibbli f'kaz

ta' vizzju redibitorju. Fil-fatt gie kostantament ripetut minn dawn il-Qrati u dan jirrizulta wkoll mit-test tal-ligi illi d-dritt naxxenti mill-vizzju redibitorju ma jistax jigi dedott b'eccezzjoni imma ghandu jigi ezercitat fi zmien utli fl-azzjoni (**Zammit Automobiles Limited vs Charles Bezzina. Prim Awla, 30 ta' Gunju 2003).** Gie kostantament ritenut illi "*Il diritto nasciente dal vizzio que intitola l'azzione redibitoria non puo essere ridotto in linea di eccezzione ma' deve essere ezercitata in tempo utile per via d'azzione*" (**Vol.XX, Prt.1, Pg.281) (Vol.XXIX, Prt.2, pg.1170).**

Dan ifisser illi kemm il-darba dak li jinghad fit-tielet eccezzjoni qieghed jigi intavolat fis-sens illi ghandha tkun ezercitata l-azzjoni redibitorja jew quanti minoris, din ma tistax tirnexxi ghaliex din trid tigi proposta b'talba ad hoc. In oltre jekk wiehed jifli sew il-kliem ta' din it-tielet eccezzjoni illi taghmel anke referenza ghall-kontro talba prezentata, jidher illi dak li qed jitlob il-konvenut hija aktar tpacija mad-danni illi allegatament sofra l-konvenut minhabba l-magna difettuza. Dwar dan jinghad ukoll illi talba ghal danni ma tistax tigi akkolta mit-Tribunal. Huwa risaput illi meta l-haga kkonsenjata lill-bejjiegh tkun afflita minn xi vizzju okkult, ir-rimedji tal-bejjiegh huma dawk previsti mill-ligi cioe' jew l-azzjoni redibitorja jew l-azzjoni quanti minoris. Il-ligi tipprovdi illi x-xerrej jista jaghzel billi jgib il-quddiem l-azzjoni redibitorja li jaghti lura l-haga u jitlob r-rata lura tal-prezz jew inkella billi jigi l-quddiem b'azzjoni estimatorja, jzomm il-haga u jitlob lura dik il-bicca tal-prezz li tigi stabilita mill-Qorti. Ghalhekk is-semplici azzjoni ghad-danni in quantu mhux prevista mill-ligi ma hix permessibli fil-kaz ta' difetti mohbija **(Mangion Brian et vs Mario Pulis et Prim' Awla 20 ta' Ottubru 2005**). In vista ta' dan din it-tielet eccezzjoni qed tigi respinta.

Jifdal tigi trattat it-tieni eccezzjoni dwar il-punt illi l-oggett mibjugh mhux tal-kwalita patwita. Dan il-punt seta' legalment jitqajjem per via d'eccezzione izda qabel ma wiehed jidhol aktar fil-mertu, t-Tribunal jidirlu illi hemm ostakolu iehor ghal din l-eccezzjoni. Dan l-ostakolu huwa l-fatt illi l-konvenut zamm l-oggett f'idejh, ghamillu t-

tiswijiet u hadem bih. Apparti illi jidher illi dan huwa kaz car u ta' vizzji latenti u mhux ta' oggett li ma kienx tal-kwalita patwita, t-Tribunal xorta wahda ser jindirizza dan il-punt.

Illi l-ebda xerrej ma' jistax jzomm u juza oggett illi skond hu ma' hux tal-kwalita patwita u fl-istess hin iqajjem din l-eccezzjoni. L-oggett kellu per forza jigi ritornat lill-venditur jew altrimenti jigi depozitat taht l-awtorita tal-Qorti. Kompratur li jinghata konsenja ta' haga mhux tal-kwalita miftehma jew bil-hsara ghandu diversi rimedji miftuha ghalih inkluz li jhassar il-bejgh jew jitlob li jnaqqas il-prezz. Pero jrid jagixxi biex jirreklama d-drittijiet tieghu. Huwa ma jistax jibqa jzomm l-oggett u jqajjem il-kwistjoni tal-kwalita inferjuri jew hsara biss wara li jigi azzjonat il-hlas. (**Prim Awla Joseph Pitre vs Anthony Muscat, 2 ta' Gunju 2005**). Gie ritenut fis-sentenza **Zammit Automobiles Limited vs Charles Bezzina** fuq citata illi "*Jekk ix-xerrej jaghzel li jzomm l-oggett lilu konsenjat u bl-ebda mod ma' jirreagixxi skond kif trid il-ligi, ghal fatt li dak l-oggett ma' jkunx skond il-kampjun jew tal-kwalita patwita, hu qieghed jippregudika irrimedjabilment il-pozizzjoni tieghu".*

Fi kliem iehor ix-xerrej ma ghandux dritt izomm l-oggett konsenjat lilu u ma jhallasx il-prezz miftiehem sakemm dak l-istess oggett ma jigix restitwit ma' iehor tal-kwalita patwita jew skond il-kampjun. Li naturalment ma jfissirx li x-xerrej ma' kellux il-jedd li jesigi li l-bejjiegh jonora l-obbligi tieghu li jikonsenja l-oggett skond il-ftehim u skond il-kampjun jew li ma jhallasx jekk mhux wara li l-venditur ikun adempixxa dan l-obbligu. Sitwazzjoni da parti tax-xerrej ta' oggetti li ma jkunux skond il-ftehim ghandha titiqies bhala akwixxenza ghal prestazzjoni in ezatta. Ghalhekk ma jispettax iktar ix-xerrej, ir-rikors ghar-rimedju kontra l-inadempjament (**Camilleri Andrew vs Sauiles Daniel Edwin, Prim Awla, 27 ta' Gunju 2003).**

Finalment dan it-Tribunal li huwa mitlub jiddeciedi fuq l-ewitaIzda dan it-Tribunal ihoss ukoll li ghandu jidhol fil-punt jekk verament il-kwistjoni kinitx ta' kwalita patwita jew le ghaliex fil-verita ma jidhirx illi l-kwistjoni bejn il-partijiet

kienet wahda ta’ kwalita. Jidher car illi x-xerrej skopra difetti fil-magna mibjugha wara li din inxtrat u tali difetti mohbija ma jirrendux l-oggett bhala mhux tal-kwalita patwita izda li huwa xi haga totalment differenti. Illi fl-eccezjoni tieghu l-konvenut juza nomenklatura li ghalkemm din l-eccezzjoni tifthiem bhala wahda li l-oggett mhux tal-kwalita patwita ( u it-tribunal diga iddispona minn din l-eccezzjoni) izda din l-eccezzjoni tista tiftiehem ukoll fis-sens literali taghha cioe’ illi l-oggett ghalkemm kien tajjeb ma kienx idoneju ghal uzu li ghalih inxtara. F’dan il-kaz jidher illi l-konvenut kien jaf x’qieghed jaghmel u kien jaf ghalfejn ried il-magna. U ma hemm l-ebda lment illi l-magna ma kinitx kapaci biex taqdi l-iskop li ghalih inxtrat.

Finalment jifdal il-kontro talba tal-konvenut fejn dan qed jitlob illi jithallas danni ossia spejjez rinkorsi minnu sabiex irrimedja l-oggett mibjugh. In vista ta’ dak fuq ritenut fis-sentenza **Brian Mangion vs Mario Pulis et** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ghoxrin (20) ta’ Ottubru tas-sena elfejn u hamsa (2005) din it-talba lanqas tista tigi akkolta ghaliex ma tinkwadrax ruhha fir-rimedji li l-ligi tat a’ dispozizzjoni lix-xerrej. Ta’ l-istess insenjament hija s-sentenza fuq citata **Zammit Automobiles Limited vs Charles Bezzina** fejn gie ritenut illi “*Meta l-haga kkunsinnata mill-bejjiegh tkun aflitta minn xi vizzju okkult, ir-rimedji tax-xerrej ikunu dawk previsti minn dan l-artikolu u cioe’ jew l-azzjoni redibitorja jew l-azzjoni kwantiminoris*”. Ghaldaqstant it-talba tal-konvenut ghad-danni ma tistax tigi akkolta. Ghal dan il-ghan il-kontro talba tal-konvenut qed tigi respinta.

Ghal dawn il-motivi dan it-Tribunal qed jaqta u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa t-talbiet ta’ l-attur, jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jichad il-kontro talba tal-konvenut, jikkundanna l-istess konvenut ghall-hlas ta’ elfejn ewro (€2000) kif mitlub fl-avviz tat-talba u b’dan illi ghandhom jibqghu riservati qualsiasi drittijiet spettanti lill-konvenut skond il-ligi. Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------